**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Hristijan Slavev**

Numru ____ /_____

Illum 13 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hristijan Slavev**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Valentin u Vessica, imwieled Kochani fl-14 ta' Marzu 1995 u joqghod Rosita Court, Flat 8, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar u detentur tal- Passaport bin-Numru B 0576669

akkuzat talli:

1. fid-9 ta' Dicembru 2018 [09.12.2018] ghal habta tal-erbgha u kwarta ta' filghodu [4.15am] u/jew hinijiet wara mill-bar tas-San Antonio Hotel li tinsab fit-Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar u/jew f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' *laptop* tal-ghamla

ACER u/jew oggetti ohra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien izjed dak ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin ghad detriment ta' Kevindish Hotels Ltd, San Antonio Hotel, u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra;

2. fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioé hsara fuq *emergency door* tal-bar tas-San Antonio Hotel li jinsab fit-Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, liema hsara kienet ma tiskorrix mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta Kevindish Hotels Ltd, San Antonio Hotel, u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u kif ukoll il-fedina penali tieghu (Dok. "SZ 2"), li hija wahda kompletament nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Hristijan Slavev hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah

ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tliet snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet snin.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**